# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum is-16 ta' Jannar 2020**

Appell numru 100 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Joseph VELLA u Antonia VELLA**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' Marzu 2019 fil-konfront ta' Joseph VELLA, KI 293855M u Antonia VELLA, KI 486057M, fejn ġew mixlija talli (in suċċint) fit-18 ta' Mejju 2018 u matul il-ġurnata u fix-xhur ta' qabel, fil-kapaċita tagħhom personali u/jew bħala diretturi ta' Mediplast Limited u bħala persuni li jħadmu, f'Mediplast Limited, KW19M, Corradino Industrial Estate, Paola, naqsu milli jħarsu s-saħħa u s-sigurta ta' l-impjegati jew persuni li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir billi naqsu milli jieħdu l-passi meħtieġa kollha biex

jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol billi naqsu milli jieħdu l-miżuri neċessarji: (a) għat-tifi tan-nar; (b) għall-evakwazzjoni tal-ħaddiema f'każ ta' perikolu gravi u imminenti u (c) li jipprovdu sinjali ta' saħħa jew sigurta kif imiss u dan bi ksur tal-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta; tar-regolament 9(1) tal-L.S. 424.15 u tar-regolament 4(1) tal-L.S. 424.16.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti iddeċidiet illi ma ssibx lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontrihom u ħelsithom minn kull ħtija u piena stante li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ kontra tagħhom lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni minħabba nuqqas ta' provi.

3. Permezz ta' rikors datat 9 t'April 2019, l-Avukat Ġenerali interpona appell minn din is-sentenza fejn talab li din tiġi mħasra u revokata u minflok l-appellati jiġu misjuba ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom mill-prosekuzzjoni u li tinfliġġi l-piena skont il-Liġi. Dan għar-raġunijiet li jistgħu jiġu sintetizzati hekk :

(a) Il-Liġi regolanti s-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol kienet tpoġġi l-oneru tal-prova fuq l-imputat li juri li huwa għamel dak kollu raġonevolment meħtieġ sabiex jaderixxi mal-obbligi tiegħu imnissla mill-Liġi u b'hekk jeżimi ruħu mir-responsabbiltajiet imposti fuqu bil-Liġi;

(b) Illi mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni fosthom Katriona Francica kif ukoll u b'mod partikolari mix-xiehda tal-imputat appellat

Joseph VELLA stess, l-imputazzjonijiet jirriżultaw soddisfaċentement ippruvati.

4. Illi permezz ta' risposta għal dan l-appell, l-appellati Joseph VELLA u Antonia VELLA saħqu li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta u kienet timmerita li tiġi konfermata minħabba l-fatt li għamlet apprezzament korrett tal-provi imresqin. B'mod partikolari jisħqu li :
   (a) ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, Katriona Francica ma ftakritx fatti saljenti relattivi għal dan il-każ u x-xiehda tagħha ma kienetx sikura;
   (b) ma ġiex prodott l-impjegat l-ieħor li kien magħha meta saru l-allegati spezzjonijiet;
   (c) ix-xiehda tal-appellati kienet aktar kredibbli u konsistenti;
   (d) li r-regolament 12 tal-L.S. 424.29 għalkemm jispostja l-oneru ta' prova ta' ċerti fatti fuq l-imputat, xorta waħda jrid jiġi interpretat skont ir-regoli ta' ġustizzja naturali;
   (e) il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ ma kienetx twassal sal-grad rikjest mill-Liġi biex tiġi misjuba l-ħtija fi proċediment kriminali.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi Katriona Francica, verament li kienet xotta fid-dettalji li xehdet dwarhom. Biss hija ssemmi dawk id-dettalji bażiċi relattivi għall-fatti, persuna, lok, żmien u nuqqasijiet li fuqhom ġew imsawrin l-

imputazzjonijiet de quo. Tgħid li għamlet l-ewwel spezzjoni fis-6 t'April 2016 u nnutat diversi nuqqasijiet fuq health and safety li ġew segwiti permezz t'ittra datata 12 ta' Mejju 2016 li ġiet eżebita a fol 4 tal-proċess. Din l-ittra, iffirmata minnha u minn Charles Micallef,[1] tiġbor fiha dawn in-nuqqasijiet li hija riskontrat meta għamlet l-ispezzjoni. Fost il-punti lamentati hemm dawk li jifformaw il-meritu tal-azzjoni penali de quo. Francica kompliet tixhed li din l-ewwel spezzjoni kienet ġiet segwita b'oħra datata 18 ta' Mejju 2018 fejn hija tikkonferma li kelmet lil Joseph VELLA, li għarfet ukoll fl-awla, u li f'din it-tieni spezzjoni kienet reġgħet innutat nuqqasijiet fosthom li tgħid : *ma kienu saru fire drills, emergency signage ma kienx hemm u kien hemm ukoll fire extinguishers ma kienux serviced*.

6. Iżda kif jgħid l-Avukat Ġenerali, paradossalment din l-evidenza ġiet korroborata mix-xiehda ta' Joseph VELLA stess. L-imputazzjoni prinċipali, li kienet tirrigwarda l-fatt li l-appellati, qua diretturi tas-soċjeta Mediplast Limited ma kellhomx *fire fighting equipment* adegwat u suffiċjenti fil-fabbrika kif ukoll li ma kellhomx senjaletika suffiċjenti biex tindika l-użu ta' dan l-apparat kif ukoll għall-ħruġ tal-emerġenza hija msaħħa bir-ritratti eżebiti minn VELLA nnifsu. Fir-ritratti eżebiti ma jirriżultax li fit-18 ta' Mejju 2018 u fil-jiem u xhur ta' qabel kien hemm *fire fighting equipment* li kien adegwat u dan peress li dawn ir-ritratti tal-fire extinguishers li VELLA kkonferma li kienu fuq il-post tal-ispezzjoni, juru li d-data ta' meta dan l-apparat ta' kontra l-ħruq ġie reviżjonat kien l-ewwel

[1] Li ma xehedx f'dawn il-proċeduri.

sa' Diċembru tal-2006 u t-tieni darba ġie reviżjonat sa' Awissu tal-2019. Mix-xiehda ta' VELLA stess jirriżulta li dan kien b'effett minn sena qabel, jiġifieri minn Awissu 2018. Jiġifieri f'Mejju 2018 u fil-jiem u xhur ta' qabel ma jirriżultax li dan kien reviżjonat. In-nuqqas ta' reviżjonar tiegħu jista' jirrendi dan l-appart mhux adegwat fil-każ li jkun hemm xi ħruq. L-anqas ma ġie provat, almenu fuq bażi ta' probabbilita li fil-fond in kwistjoni kien hemm senjaletika adegwata dwar kif tali apparat jiġi użat u indikazzjonijiet dwar ħruġ t'emerġenża. Ġie pruvat li Joseph VELLA kien direttur ta' Mediplast Limited fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ u kif ukoll li huwa kellu ħaddiema jaħdmu f'dan il-garage fejn saru dawn l-ispezzjonijiet.

7. L-appellat VELLA saħaq li ħruġ wieħed kien hemm u ċjoe mill-bieb tal-garage, li kien bieb kbir kif jidher mir-ritratt; kif ukoll li kulħadd mill-ħaddiema tiegħu jaf mnejn kellu joħroġ fil-każ ta' bżonn. Jibqa' l-fatt pero li dan ma jeħlisx lill-imputat appellat mill-obbligi ta' senjaletika, jew li jkollu l-*fire extinguishers* debitament reviżjonati perjodikament biex jassikura kemm jista' jkun li dawn ikunu jaħdmu b'mod effettiv jekk Alla ħares qatt ikun hemm il-bżonn.

8. Illi in forza ta' dak mistqarr aktar il-fuq, din il-Qorti jidhrilha li konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati, li fuq il-provi li kellha quddiemha ma ssibx lill-imputati appellati ħatja ma kienetx deċiżjoni legalment u raġonevolment korretta.

9. Illi l-imputata Antonia VELLA tisħaq li minn naħa tagħha, għalkemm direttriċi ta' din il-kumpanija, hija rari, jew kważi qatt, ma tkun fil-*premises* tal-kumpanija. Hi tgħid ukoll pero li kemm żewġha kif ukoll hi, ma kienetx l-intenzjoni tagħhom li jittraskuraw is-saħħa u s-sigurta tal-*impjegati tagħna, anki nqisu l-impjegati tagħna bħala ħbieb u anke parti mill-familja tagħna...Hemm magni ta' ċertu dana hux u dejjem attenti għas-saħħa u welfare tagħhom.* Dan huwa kliemha.

10. Issa mill-provi prodotti f'dan il-każ, din id-dikjarazzjoni ma tirriżultax korretta għaliex evidentement ir-ritratti tal-*fire extinguishers* eżebiti minn żewġha juru li bejn l-2006 u l-2018 ma kienx sar reviżjonar ta' dan l-apparat. L-anqas ma ġiet kontradetta l-asserzjoni ta' Francica li fil-garage de quo ma kienx hemm is-senjaletika meħtieġa relattiva għall-użu tal-*fire extinguishers* u b'indikazzjoni dwar ħruġ t'emerġenza.

11. Inoltre, Antonia VELLA ma pruvatx, almenu fuq il-bażi tal-probabbli li kien hemm raġuni legalment valida li teżimiha mir-responsabbilta tagħha bħala direttur peress li ma pprovatx li r-reat sar <u>**mingħajr**</u> it-tagħrif tagħha u li hija <u>**eżerċitat**</u> id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat. Din il-prova ma tistax titqies soddisfatta biss bid-dikjarazzjoni tagħha li żewġha, Joseph VELLA, huwa d-direttur li jkun fuq il-*premises* tal-kumpanija u li hija rari jew qatt tkun hemm. Jekk hu hekk, ma messhiex baqgħet direttriċi tal-kumpanija. Dan għaliex direttur ta' kumpanija, daqskemm għandu drittijiet għandu wkoll obbligi, li jistgħu ikunu iebsin f'ċerti każijiet.

12. Dawn l-obbligi relattivi għas-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol huma maħsuba biex la l-appellati u l-anqas l-impjegati tagħhom ma jweġġħu waqt xogħolhom. Huma intiżi li jipproteġuhom mis-saram u huwa fl-interess tagħhom li jaraw li dawn ir-regoli jiġu mħarsa mhux bħala sikkatura fuqhom iżda bħala salvagwardja għal-ġid tagħhom u tal-familji tagħhom.

# *Deċide*

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u konsegwentement tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata li permezz tagħha l-appellati Joseph VELLA u Antonia VELLA ġew liberati mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u minflok, wara li rat l-Artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta; ir-regolament 9(1) tal-L.S. 424.15 u r-regolament 4(1) tal-L.S. 424.16 issib lill-appellati Joseph VELLA u Antonia VELLA ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Wara li l-Qorti rat l-artikolu 38 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, qieset ukoll li fid-dawl tan-natura tal-allegati reati, tal-karattru tal-ħatja, l-azzjoni meħuda minnhom wara l-ispezzjoni ta' Mejju 2018 u ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, tqis li mhux spedjenti li twaħħalhom piena u għalhekk wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lil Joseph VELLA u lil Antonia VELLA bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena millum. Ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tiddikjara li hija fehmet bi kliem sempliċi u li jinftiehem lil Joseph VELLA u lil Antonia VELLA il-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huma jew min minnhom

jikkommetti reat ieħor fi żmien ta' liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li f'dik l-eventwalita il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***